Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 500/2015

Il-Pulizja

Spettur Jurgen Vella

Vs

Philip Buhagiar

Illum 21 ta' Jannar, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Philip Buhagiar detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 67877M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII tal-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att, fit-22 ta' Ottubru, 2013, bhala

bejjiegh permess ta' van b'numru ta' registrazzjoni FBO 206 gewwa ta' Qali, jew hu jew impjegat tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan nom tieghu, offra li jipprovdi servizz lill-persuna ohra u/jew espona ghall-bejgh oggetti waqt li kien sprovvist minn cash register fiskali u/jew kotba tar-ricevuti fiskali kif mahruga jew approvati mill-kummissarju tat-taxxi, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3, u 10 tal-imsemmija skeda u l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 81 u 82(2) tal-Att. Nru. XXIII tal-1998.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-28 ta' Ottubru, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 51, 77(a)(e) u 82 u l-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax il-skeda tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra teighu u tikkundannah multa ta' disa' mitt Ewro (€900).

Rat ir-rikors tal-appell ta' Philip Buhagiar, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-6 ta' Novembru, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1) Thassar u tirrevoka d-digriet datat 11 ta' Marzu, 2015 u/jew
2) Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull htija.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi preliminarjament l-esponenti qieghed jitlob li jigi annulat id-digriet li kkonceda lill-prosekuzzjoni korrezzjoni fic-citazzjoni wara talba li saret mill-prosekuzzjoni fl-assenza tal-appellant u dan kif ampjament jirrizulta mill-verbal ta' nhar il-11 ta' Marzu, 2015.

Illi fil-kamp kriminali dak li sar quddiem l-ewwel Qorti f'din il-kawza ma jista' qatt jigi accettat, hija regola kategorika tal-procedura kriminali, kif ukoll dritt fundamentali tal-bniedem, li l-proceduri kriminali jridu jinstemghu fil-prezenza tal-imputat. Dan huwa essenzjali sabiex l-imputat ikun f'posizzjoni li jiddefendi ruhu.

Illi gjaladarba din ir-regola assoluta giet injorata mill-ewwel Qorti, u dan billi semghet u laqghet talba ghal korrezzjoni fl-akkuzi fl-assneza tal-imputat, isegwi li ma gewx osservati d-dettami tal-procedura penali. Konsegwenzjalment, id-digriet datat 11 ta' Marzu, 2015 li tat l-ewwel onorabbli Qorti ghandu jigi dikjarat null u l-appellant ghandu jirrispondi biss ghall-imputazzjoni kif originarjament huwa kien gie nnotifikat biha.

Illi jekk dan l-aggravju jigi milqugh, isegwi li l-appellant ghandu jigi liberat u dan peress li c-citazzjoni hija nieqsa minn rekwizit fundamentali iehor ossia s-sena ta' meta allegatament sehh ir-reat.

Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, l-ewwel Qorti qatt ma setghet b'mod legali u ragonevoli tasal ghas-sejbien tal-htija tal-appellant u dan peress li filwaqt li huwa gie akkuzat li wettaq attivita' kummercjali permezz ta' va b'numru ta' registrazzjoni FBO 2016 il-van tieghu li igesti l-attivita kummarcjali ma igibx dan in-numru ta' registrazzjoni.

Illi l-appellant ma ghandu l-ebda van bin-numru ta' registrazzjoni FBO 206. Illi tant hu hekk li quddiem l-ewwel Qorti l-appellant esebixxa l-log book tal-van li attwalment huwa juza sabiex igesti l-attivita' kummercjali teighu, liema log book jirreferi ghal van b'numru ta' registrazzjoni FBO 025.

Illi dan kellu jwassal ghal konkluzjoni li l-akkuza kif dedotta ma setghet qatt tirrizulta.

Semghet it-trattazzjoni dwar l-ewwel aggravvju sollevat mill-appellanti;

Ikkunsidrat;

Illi din id-decizjoni hija limitata ghall-ewwel impunjattiva imqajjma mill-appellanti fejn qieghed jitlob li jigi irrevokat di-digriet moghti mill-Ewwel Qorti fil-11 ta' Marzu 2015 fejn giet milqugha talba maghmula mill-Prosekuzzjoni ghal korrezzjoni fl-akkuza fejn wara d-data 22 ta' Ottubru zdiedet is-sena 2013. L-appellanti jikkontesta l-validita ta' dan id-digriet billi jishaq illi dan inghata fl-assenza tieghu u ghalhekk ma giex moghti iz-zmien li jiddefendi ruhu ghal tali talba maghmula mill-Prosekuzzjoni biex b'hekk sehhet vjolazzjoni tal-jedd tieghu ghal smiegh xieraq meta ma gewx osservati id-dettami tal-proceduri

penali. Jikkontendi allura illi huwa ghandu iwiegeb biss ghall-akkuza kif originarjament mahruga fil-konfront tieghu u debitament notifikata lilu.

Illi mill-atti probatorji ghandu jirrizulta illi fl-ewwel seduta tas-smiegh quddiem l-Ewwel Qorti fil-11 ta' Marzu 2015, l-appellanti ma deherx u f'dik is-seduta saret il-korrezzjoni fl-avviz tac-citazzjoni u il-kawza giet differita sabiex l-appellanti jigi notifikat ghad-29 ta' April 2015. Fl-1 ta' April, imbaghad jidher illi l-appellanti gie innotifikat bic-citazzjoni kif korretta u wara dan sar is-smiegh tal-kaz fejn l-appellanti qatt ma ilmenta illi huwa ma kienx gie moghti smiegh xieraq u l-opportunita adegwata biex jiddefendi ruhu minhabba fil-fatt illi c-citazzjoni kienet giet korretta fl-assenza tieghu. Jidher illi huwa kien debitament assistiet fis-smiegh tal-kaz u inghata opportunita biex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu. Ma hemm l-ebda indikazzjoni illi f'xi stadju tal-proceduri huwa gie ippregudikat b'xi mod.

Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza illi c-citazzjoni mahruga fil-konfront tal-persuna akkuzata ghandha l-funzjoni ta' avviz ghad-dehra ta' dik il-persuna imsejha biex twiegeb ghal xi fatt inkriminati. Illi meta allura l-appellanti laqa' dik in-notifika u wiegeb ghas-sejha lilu maghmula, il-funzjoni tal-*avviso da comparire* gie ezawriet anke jekk tali avviz ma ikunx ghal kollox korrett fid-dettalji imfissra fih. Issa f'dan il-kaz dawk id-dettalji li b'xi mod kienu nieqsa gew mizjuda qabel ma l-appellanti gie innotifikat u kwindi meta huwa irceva l-*avviso da comparire* huwa kellu allura quddiemu l-fatti kollha li ghalihom huwa kien qieghed jissejjah biex iwiegeb u jiddefendi ruhu ghalihom. Il-fatt allura illi huwa ma inghatax l-opportunita iwiegeb ghat-talba maghmula mill-Prosekuzzjoni ghal korrezzjoni billi ma kienx prezenti meta saret tali talba, bl-ebda mod ma ippregudikat id-difiza tieghu. Galadarba l-imputat ikun wiegeb ghas-sejha ta' dik ic-citazzjoni, kif inghad il-funzjoni principali ta' l-istess

citazzjoni tkun intlahqet. Fil-kaz ta' **Il-Pulizija v. Benny Zaffarese u Anna Zaffarese** (13/01/1995) inghad in partikolari hekk:

> **"Anke li kieku dawn id-dettalji jew xi whud minnhom kienu zbaljati, wahda mill-funzjonijiet primarji tac-citazzjoni, u cioe` li sservi ta' 'avviso a comparire', twettqet u giet ezawrita meta l-appellant, allura imputat, deher quddiem l-ewwel qorti..... ."**

Il-presenza ta'l-imputat meta saret it-talba ghall-korrezzjoni ma kienet ser taghmel l-ebda differenza ghall-ezitu tal-kaz billi huwa dritt sagrosant tal-Prosekuzzjoni illil titlob dawk l-korrezzjonijiet kollha mehtiega fl-akkuza u dan sal-mument illi l-kaz jigi maghluq u differiet ghas-sentenza b'dan illi l-persuna akkuzata tinghata l-opportunita shiha u adegwata li tiddefendi ruhha ghall-akkuza kif korretta, haga li tidher illi saret ampjament fil-kaz in dizamina.

B'analogija l-artikolu 597 (1) tal-Kodici Kriminali jaghti d-dritt lill-Qorti Kriminali *ex officio* illi purche' ma jizdied xejn fl-att ta' l-akkuza li jkun jista' jaghmel izjed gravi r-reat, taghmel dawk il-korrezzjonijiet mehtiega. "***La dan huwa possibli fil-kaz ta` dokument solenni bhalma huwa l-att ta` akkuza hija konsegwenza logika li dan jista`jsir fil-kaz ta` citazzjoni. U fil-fatt il-prassi hi li li tali korrezzjonijiet isiru minghajr il-htiega li l-imputat jerga jigi innotifikat mill-gdid bic-citazzjoni kif korretta***.[1]" Illi ma hemmx dubbju illi l-Ewwel Qorti dehrilha illi l-korrezzjoni kif mitluba kienet mehtiega sabiex il-persuna akkuzata tkun tista' tifhem ahjar l-fatti li dwarhom kienet qed tigi imsejjha biex twiegeb u allura ma erratx meta ghaddiet sabiex tikkoreggi l-izball fic-citazzjoni qabel ma inbdew il-proceduri penali fil-konfront ta'l-appellanti, anke jekk dan sehh fl-assenza tieghu.

[1] **Il-Pulizija v. Rose Jane Zammit** 03/02/1995

Ghal dawn il-motivi l-ewwel aggravvju imressaq mill-appellanti qed jigi michud u ghalhekk il-Qorti tordna il-prosegwiment tas-smigh ta' dan l-appell.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur